

- 3) Jekk l-ewwel domanda tingħata risposta fin-negattiv u jekk jeżisti obbligu ta' rikonoxximent: Stat Membru jista' jirrifjuta fi kwalunkwe każ ir-rikonoxximent tad-dokument tal-liċenzja tas-sewqan skambjat meta l-Istat Membru, li fit-territorju tiegħu tqum il-kwistjoni tar-rikonoxximent tal-imsemmi dokument, ikun jista' jikkonstata, abbażi ta' "informazzjoni inkontestabli", li l-awtorizzazzjoni materjali ta' sewqan ma kinitx teżisti iktar fil-mument tal-iskambju tal-liċenzja tas-sewqan?

---

(<sup>1</sup>) Direttiva 2006/126/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 dwar il-Liċenzji tas-Sewqan (Tfassil mill-Ġdid) (ĠU 2006, L 403, p. 18).

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mil-Landesgericht Salzburg (l-Awstrija) fil-15 ta' Frar 2019 — ZS vs PVA Landesstelle Salzburg**

**(Kawża C-118/19)**

(2019/C 172/15)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

**Qorti tar-rinviju**

Landesgericht Salzburg

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrent: ZS

Konvenut: PVA Landesstelle Salzburg

Il-kawża tħassret mir-Reġistru tal-Qorti tal-Ġustizzja b'digriet tal-President tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-22 ta' Marzu 2019.

---

**Appell ippreżentat fit-18 ta' Frar 2019 minn Bank Refah Kargaran mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (It-Tieni Awla) fl-10 ta' Diċembru 2018 fil-Kawża T-552/15, Bank Refah Kargaran vs Il-Kunsill**

**(Kawża C-134/19 P)**

(2019/C 172/16)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

**Partijiet**

Appellant: Bank Refah Kargaran (rappreżentant: J.-M. Thouvenin, avukat)

*Partijiet oħra fil-proċedura:* Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, Il-Kummissjoni Ewropea

## Talbiet

L-appellant jitlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

- tannulla parzjalment is-sentenza mogħtija fl-10 ta' Diċembru 2018 mit-Tieni Awla tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea fil-Kawża T-522/15;
- prinċipalment, tilqa' t-talbiet li r-rikorrent għamel quddiem il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea, jiġifieri l-ġhoti ta' danni bħala kumpens għad-dannu materjali fl-ammont ta' EUR 68 651 319 u bħala kumpens għad-dannu mhux materjali fl-ammont ta' EUR 52 547 415;
- sussidjarjament, tibgħat lura l-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali;
- fiż-żewġ każijiet, tikkundanna lill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea għall-ispejjeż taż-żewġ istanzi.

## Aggravji u argumenti prinċipali

Insostenn tal-appell tiegħu, l-appellant jinvoka seba' aggravji.

1. L-ewwel aggravju bbażat fuq żball ta' liġi

Il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta ddeċidiet li n-nuqqas ta' motivazzjoni tad-deċiżjoni annullata ma huwiex ksur suffiċjentement serju ta' regola tad-dritt tal-Unjoni Ewropea.

2. It-tieni aggravju bbażat fuq żball ta' liġi

Il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta ddeċidiet li l-fatt li rikorrent vittma ta' sanzjoni illegali adottata mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea ppreżenta rikors u kiseb l-annullament tas-sanzjoni irendi inutli l-invokazzjoni ta' ksur biżżejjed serju tad-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva.

3. It-tielet aggravju bbażat fuq żball ta' liġi

Il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta ħadhet motiv ippreċiżat mir-rikorrent fir-replika tiegħu mingħajr ma vverifikat, kif meħtieġ mill-ġurisprudenza, jekk l-iżvilupp ta' dan il-motiv fir-replika jirriżultax mill-evoluzzjoni normali tad-dibattitu mibdi fir-rikors matul il-proċedura kontenzjuża.

4. Ir-raba' u l-ħames aggravju bbażati fuq żball ta' liġi

Il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta interpretat b'mod żbaljat is-sentenza mogħtija fil-Kawża T-24/11<sup>(1)</sup>, u billi kkunsidrat li l-konstatazzjoni li l-Kunsill kiser l-obbligu tiegħu li jikkomunika lir-rikorrent l-elementi kontra tiegħu f'dak li jikkonċerna l-motiv bħala bażi għall-miżuri tal-iffriżar ta' fondi ma jistabbilixxix l-eżistenza ta' ksur biżżejjed serju tad-dritt tal-Unjoni Ewropea li jwassal għar-responsabbiltà tal-Unjoni.

5. Is-sitt aggravju bbażat fuq l-iżnaturament tar-rikors

Il-Qorti Ġenerali żnaturat ir-rikors meta kkunsidrat, sabiex issib li l-argument tiegħu inammissibbli, li r-rikorrent, fl-istadju tar-rikors, ma invokax allegata illegalità ibbażata fuq l-assenza ta' konformità tal-motiv ta' inklużjoni ta' ismu fuq il-listi ta' persuni milquta minn miżuri restrittivi bil-kriterju applikat mill-Kunsill.

6. Is-seba aggravju bbażat fuq l-iżnaturament tar-rikors

Billi rriduċiet il-motivi ta' illegalità allegati mir-rikorrent għall-uniku ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni, il-Qorti Ġenerali żnaturat ir-rikors.

---

(<sup>1</sup>) Sentenza tas-6 ta' Settembru 2013, Bank Refah Kargaran vs Il-Kunsill (T-24/11, EU:T:2013:403).

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Oberster Gerichtshof (l-Awstrija) fl-20 ta' Frar 2019 —  
Pensionsversicherungsanstalt vs CW**

(Kawża C-135/19)

(2019/C 172/17)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

**Qorti tar-rinviju**

Oberster Gerichtshof

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrenti: Pensionsversicherungsanstalt

Konvenuta: CW

**Domandi preliminari**

1) Skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 883/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-kordinazzjoni ta' sistemi ta' sigurtà soċjali (<sup>1</sup>), l-allowance Awstrijaka għar-riabilitazzjoni għandha titqies

— bħala benefiċċju marbut mal-mard skont l-Artikolu 3(1)(a) tar-Regolament, jew

— bħala benefiċċju marbut mal-invalidità skont l-Artikolu 3(1)(c) tar-Regolament, jew

— bħala benefiċċju tal-qgħad skont l-Artikolu 3(1)(h) tar-Regolament?